MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Avviz Numru. 57/2011

**Korporazzjoni Telemalta**

**Vs**

**Josephine Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà GO p.l.c., già maghrufa bl-isem Maltacom p.l.c., fl-20 ta' Frar 2011 permezz ta' liema tippermetti li b'sentenza fl-ismijiet: "Korporazzjoni Telemalta vs Josephine Azzopardi" Avviz numru 1169/97 li giet deciza fil-25 ta' Lulju 1997, l-intimata tigi kkundannata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' disa' mitt Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm900.56), ekwivalenti ghal elfejn sebgha u disghin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€2,097.74), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 372863;

Illi s-socjeta' rikorrenti bidlet isimha ghal Go p.l.c. u dana fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita' guridika u ezistenti stante li n-numru ta' registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-socjetajiet baqa' l-istess, cioe' C22334.

Illi l-imsemmija ntimata ghadha ma hallset xejn u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre tlett mija, tmintax-il Euro u centezmu (€318.01) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dok.A. Kif ukoll elfejn, sebgha u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmi (€2,097.73) imghax legali kalkolat bir-rata ta' 8% fis-sena mill-25 ta' Lulju, 1997 sal-24 ta' Jannar 2011, u ghalhekk dovut lill-esponenti huwa ta' erbat elef, hames mija u tlettax-il Euro u tmienja u erbghin centezmu (€4,513.48), salv kull imghax ulterjuri dovut sad-data ta' l-effettiv pagament – peress illi ghaddew iktar minn hames (5) snin minn dakinhar li seta' jigi esegwit fil-konfront ta' l-intimat it-titolu ezekuttiv nascenti mill-imsemmija sentenza, is-socjetà rikorrenti titlob li a tenur ta' l-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tigi awtorizzata tipprocedi bil-Mandati opportuni fil-konfront ta' l-intimat in esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza

Rat li b' Digriet Taghha tas-7 ta' Marzu 2011 li r-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-4 t' April 2011 fid-09:30a.m., u gie ordnat li l-istess Rikors u Digriet jigu notfikati lill-intimata bi zmien ghaxart (10) ijiem ghar-Risposta;

Rat illi r-Rikors u d-Digriet imsemmija gew debitament notifikati lill-intimata izda naqset milli tipprezenta Risposta entro t-terminu prefiss u lanqas dehret ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat illi l-kontenut tar-Rikors promotur gie debitament ikkonfermat bil-gurament mill-Avukat Ingrid Zammit Young in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti, li kkonfermat ukoll li l-ammont dovut sallum ghadu pendenti;

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghaddew iktar minn hames (5) snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi t-titolu ezekuttiv tas-socjetà rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat nascenti mis-sentenza fl-ismijiet ""Korporazzjoni Telemalta vs Josephine Azzopardi" Avviz numru 1169/97 li giet deciza fil-25 ta' Lulju 1997, seta' jigi esegwit fil-konfront taghha.

Illi l-Avukat Ingrid Zammit Young in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti ikkonfermat bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mill-imsemmija socjetà minghand l-intimata u li dan id-dejn ghadu dovut.

Illi l-intimata ma kkontestax ir-Rikors tas-socjetà rikorrenti billi ma ipprezentax Risposta entro t-terminu lilha prefiss u lanqas dehret ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata, il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' it-talba u tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimata, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront taghha nascenti mis-sentenza fl-ismijiet ""Korporazzjoni Telemalta vs Josephine Azzopardi" Avviz numru 1169/97 li giet deciza fil-25 ta' Lulju 1997, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------